# IL-KUSTODJU L-ĠDID TAL-QABAR TA' KRISTU

Il-Patri Kustodju l-ġdid, ir-Reverendissmu P. Alfredu Polidori, O.F.M., li hu mill-Provinċja Markeġġjana, twieled fir-raħal ta' Astra Vetere, f'Ankona, fit-12 ta' Diċembru 1897. Libes iċ-ċoqqa ta' San Franġisk fit-8 ta' Settembru 1913. Qaddes l-ewwel Quddiesa nhar Sant'Antnin, fit-13 ta' Ġunju tas-sena 1925.

Laħaq Majjistru tal-Kjierki u Rettur tal-Kulleġġ ta' Sassoferrato. Kien Kappillan tal-Parroċċa ta' San Giovanni f'Ankona. Kien ukoll Kummissarju tat-Terra Santa tal-Provinċja Markeġġjana, u Kummissarju Ġeneral tat-Tielet Ordni Franġiskan ta' l-Italja. Sar Ministru Provinċjal u wara laħaq ukoll Segretarju Ġeneral tal-Ordni Franġiskan. Kien ukoll Definitur Ġeneral tal-Lingwa Taljana.

Ingħażel b'Kustodju tal-Qabar ta' Kristu u tal-Franġiskani kollha tat-Terra Santa fil-5 ta' Lulju 1957. Wasal Ġerusalem fit-13 ta' Awissu u għamel id-Daħla tiegħu fil-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu fis-17 tax-xahar. Għamel id-Daħla fil-Bażilka ta' Betlehem fit-18 tax-xahar, u fil-25 tax-xahar għamel it-tielet u l-aħħar Daħla fil-Bażilka tal-Lunzjata ta' Nazaret.

Nifirħulu bil-qalb u nitolbu għalih biex Alla jagħtih is-saħħa u l-għerf li ma jistagħx jgħaddi mingħajrhom għat-tmexxija tax-xogħol tiebes għall-aħħar li ndaħal għalih fil-Palestina, l-aktar kif tinsab issa. Alla jkun miegħu f'kull ma jagħmel għall-ħarsien tal-Imkejjen Imqaddsa li t-toqol tagħhom qiegħed jiżdied ta' kull jum. P. VALENTINU CARDONA, O.F.M.



**Il-P. Kustodju waqt il-Purċissjoni solenni fis-Santwarji tal-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu.**